**153. Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, jipproponi:**

Peress li l-Artikolu 11(1) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) jipprovdi li fuq mozzjoni li tiġi preżentata fi żmien tmienja u għoxrin (28) jum wara li leġiżlazzjoni sussidjarja titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, l-istess Kamra, fi żmien sittin (60) jum wara li tkun ġiet hekk imqiegħda, tista' tirriżolvi illi tali leġiżlazzjoni tiġi annullata jew emendata; u

peress li fir-rigward tal-Mozzjoni 147 li tipproponi emenda għall-Avviż Legali 98 tal-2023 u tal-Mozzjoni 148 li tipproponi emenda għall-Avviż Legali 96 tal-2023 it-terminu ta' sittin (60) jum jiskadi fit-23 ta' Ġunju 2023 u dan għaliex dawn iż-żewġ avviżi legali tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra fl-24 ta' April 2023;

il-Kamra qiegħda taqbel li t-terminu fuq imsemmi ta' sittin (60) jum jiġi estiż b'ħamest (5) ijiem sabiex fit-28 ta' Ġunju 2023 il-Kamra tkun tista' tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni *o meno* tal-mozzjonijiet fuq imsemmija.

13.06.2023